MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 312/2002/1

**Mary Gauci
vs**

**Lawrence Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fil-11 ta' Frar 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1495.65) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' Novembru, 2001, gewwa Main Street, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAS-718 misjuqa minnu propjeta` ta' l-attrici, u x-xarabank numru IMY-338 misjuqa mill-konvenut Lawrence Camilleri, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Dicembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 t'April, 2002 fejn intqal:**
**Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in mertu sehh unikament tort taghha. Di fatti it-triq minn fejn harget l-attrici hija triq sussidjarja fil-konfront tat-triq fejn kien qed isuq il-konvenut u tant hu hekk li t-triq li kienet fiha l-attrici mhux biss hija dejqa hafna izda ghandha stop-sign imwahhal mal-hajt u miktuba mal-art. Mill-banda l-ohra t-triq fejn kien ghaddej il-konvenut hija evidentement it-triq principali, hekk inter alia hija sostanzjalment aktar wiesgha minn Main Street. B'danakollu filwaqt li l-esponent waqaf biex johrog fi Triq G.Stivala, kif jindikaw il-"brake marks" li halliet il-vettura minnu misjuqa, l-attrici baqghet hierga kif fil-fatt jindika n-nuqqas assolut ta' brake marks, liema hrug sar b'velocita' eccessiva fic-cirkostanzi, u wara l-impatt waqfet aktar minn tnejn u ghoxrin (22) metru 'l boghod. Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Gauci, Lawrence Camilleri, Anna Maria Tedesco u PS 586 Joseph Brincat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir ghal hlas ta' danni subiti bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Novembru, 2001, ghall-habta tad-9.00am, f'Main Street, Naxxar. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-vetturi IAS-718 misjuqa mill-attrici, u l-vettura IMY-338 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta li l-attrici kienet qed issuq gewwa Main Street, Naxxar. Skond l-attrici fejn hemm "stop sign"**

**ma’ l-art hi waqfet harset fil-mera li hemm mal-hajt u rat li ma kien gej xejn. Hi daqqet il-horn. Harget bil-mod u kienet kwazi qasmet it-triq meta hasset daqqa fuq in-naha ta’ wara u tisbita u hasset il-vettura taghha miexja b’lura sakemm dahlet gol-hajt. Bid-daqqa apparti li dahlet gol-hajt, kellha il-bonnett imcaqlaq, il-fanal imbezaq u d-dashboard inqasam. Id-danni li garrbet il-vettura ta’ l-attrici huma evident mir-ritratti esibiti Dok.MG6 sa MG14. L-attrici tghid li harset go Triq id-dejqa qabel ma harget. L-attrici tghid li kienet miexja b’anqas minn 10mfs. Il-vettura tal-konvenut li kienet mini van, giet b’certa velocita`.**

**3. Dak li qed tghid l-attrici huwa konfermat mir-Road accident report, ossija il-versjoni ta’ l-istess attrici “a tempo vergine”.**

**4. Il-konvenut kien bit-tfal ta’ l-iskola ghaddej minn triq id-Dejqa. Skond il-konvenut hu waqaf qabel ma hareg ghal go Triq Stivala, ittawwal u ra li ma kien gej hadd. Il-konvenut jghid li kien ghaddej b’xi 20mfs u dak in-nhar kien l-irxix. Hemm mirja biex juru il-karozzi gejjin sija minn Triq id-dejqa sija minn Main Street, pero` il-konvenut jghid li ma setax jara f’dik il-mera peress li kienet ix-xita.**

**5. Ix-xhud Anna Maria Tedesco, li kienet fuq il-mini-van tghid li kienet l-attrici li ghaddiet b’velocita`, u li l-konvenut waqaf u qala bil-mod.**

**6. It-Tribunal jirrileva illi skond l-iskizz Dok.MG15 maghmul mill-Pulizija, jirrizulta li l-konvenut halla “brake marks” li jibdew qabel l-istop sign u jispiccaw wara l-istop sign li hemm fi Triq id-Dejqa. Dana wahdu jindika li l-konvenut ma waqafx kif kien tenut li jaghmel specjalment meta wiehed jikkunsidra li setghu jigu karrozzi minn Triq id-Dejqa. Li kieku kien minnu li l-konvenut ma kienx miexi b’velocita, ma kienx ihalli l-“brake marks” li fil-fatt halla.**

**7. Inoltre jirrizulta li tant kien ghaddej b’velocita` l-konvenut, li mhux biss li laqat l-attrici wara li kien qed jibbrejkja, izda li laqatha fuq il-parti tal-genb ta’ wara**

**tan-naha tax-xellug, u l-impatt tieghu magha kien tant vjolenti li dawwar il-vettura taghha u tefaghha fil-hajt.**

**8. Ghandu jinghad li min qed isuq ghandu taht kull cirkostanza juza d-debita diligenza, specjalment jekk ikun hemm cirkustanzi ta' lok, hin, piz ta' vettura, stat tat-triq, li jimmeritaw sewqan mill-izjed prudenti.**
**Jigi rilevat li l-principju f'incidenti tat-traffiku gie kristallizzat mill-Qrati taghna kif ser jinghad:**

**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**
**Kif rilevat fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**
**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control………."**
**Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:**
**"Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita` della macchina."**

**9. Inoltre jekk hemm "stop sign" wiehed irid jirrispetta dak is-sinjal, jieqaf u jara li jista` jipprocedi oltre minghajr hsara ghall-traffiku li jkun gej, anke f'kaz ta' toroq ta' importanza ugwali.**

**10. Fil-kaz in ezami in-negligenza da parti tal-konvenut hija lampanti, ghax mhux biss dan saq b'certa velocita`, izda dana ma kellux il-vettura taht il-**

**kontroll tieghu biex jieqaf fil-hin meta harget il-vettura l-ohra. Hu ma waqafx fuq l-istop sign. Filwaqt li l-attrici uzat id-debita diligenza ghax waqfet qabel ma bidet hierga, u paqpqet il-horn. L-attrici kienet gja harget kollha meta ntlaqtet. Huwa ovvju li meta ra lill-attrici li kienet harget, u l-konvenut kien gej b'certa velocita` dan ma kellux zmien sufficenti biex jieqaf fil-hin, u dan jixduh il-brake marks indikati fl-isketch. Dana kollu apparti l-impatt vjolenti li segwa meta l-konvenut habat go l-attrici. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni jahti unikament il-konvenut.**

**11. Id-danni huma fl-ammont ta' elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1495.65) u dana kif jirrizulta mill-prospett esibit mill-attrici, u mid-dokumenti Dok.A sa Dok.N.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1495.65) bl-imghax legali mill-20 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Dicembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopporatati unikament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------